**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DEĊIŻJONI NUMRU 3057**

**Illum 6 ta' Marzu 2025**

**Chairman: Sur Joseph Delia**

**Każ Nru: 4103/JD**

**Fil-Kwistjoni tax-Xogħol**

**bejn**

**Vanilla Telecoms Limited (C34939)**

**VS**

**Jean Claude Camilleri (K.I.4254654M)**

*dwar: allegat ksur ta' kuntratt ta' impjieg in linea mal-Artikolu 36(12) tal-Kap 452*

1. **Rikors tas-Socjeta` Rikorrenti**

L-Intimat ġie mpjegat mas-Socjeta` għal żmien definit ta' sentejn illi bdew fl-24 ta' Mejju 2021. Is-Sur Camilleri temm l-impjieg nhar il-24 ta' Lulju 2022 mingħajr raġuni valida u ġusta stante li r-raġuni li ta fl-*email* tar-riżenja kienet dik illi huwa kien sab opportunita` ġdida ta' mpjieg.

Is-salarju annwali kien ta' Ewro 28,000.

Is-Socjeta` qed titlob illi t-Tribunal jiddikjara li s-Sur Jean Claude Camilleri rriżenja mingħajr raġuni valida u ġusta, jiddikjara li l-Intimat huwa debitur tas-Socjeta` fl-ammont ta' Ewro 11,576.89, u jordna u jikkundanna lill-Intimat sabiex tali ammont jiġi versat minnu lis-Socjeta`.

2. **Risposta**

It-talbiet tar-Rikorrenti għandhom jiġu miċħuda stante li ċ-ċirkostanzi tar-riżenja kienu jammontaw għal *constructive dismissal essendo* li ċ-ċirkostanzi li ppreċipitaw ir-riżenja kienu orkestrati mir-Rikorrenti billi nkiser il-kuntratt tal-impjieg billi l-Intimat ġie kontinwament assenjat xogħol illi ma ġiex ingaġġat għalih, inkluż ta' kumpaniji oħrajn li ma kienx impjegat tagħhom anki b'detriment għal saħħtu, u ġie mwissi aktar minn darba fir-rigward tal-produttivita` tiegħu f'perjodu meta l-finanzi tas-Socjeta` kienu f'xifer il-falliment.

## 3. Il-Qafas

Klawsola 2.2 tal-*Employment Agreement* tispjega li, "*The Employee is being employed for a definite term of two years. Following this date, this Agreement will automatically become an indefinite contract with the same conditions other than the duration."* Tali kuntratt jipprovdi *security of tenure* għal sentejn u mpenn mir-Rikorrent illi wara tali perjodu l-impjieg isir għal żmien indefinit; kif ukoll assikurazzjoni għall-*employer* illi jkollu s-servizzi tal-impjegat garantiti għal sentejn.

Tifhimha li kumpanija żgħira jkollha bżonn illi l-impjegati kollha jkunu flessibbli għall-aħħar, aktar u aktar jekk il-kumpanija tkun għaddejja minn żmien diffiċli. L-istess sid tal-Kumpanija li mpjegat lis-Sur Camilleri xehed illi anki hu stess kien imidd idejh.[1] Fil-Każ odjern tali flessibilita` nvolviet kumpanija oħra tal-istess sid u li kienet illokata fl-istess bini fejn kienet topera Vanilla Telecoms Ltd.

Il-kuntratt tal-impjieg tas-Sur Camilleri huwa rregolat mill-Artiklu 36 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-36 (12) jistipula li, " Impjegat illi jitlaq mis-servizz tal-prinċipal tiegħu qabel iż-żmien speċifikat fil-kuntratt ta' servizz għandu jħallas lill-prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa` fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem: Iżda f'dan is-subartiklu … ir-riferenzi għal 'paga kollha' u 'paga' għandhom ifissru l-paga li titħallas lil persuna mpjegata mill-prinċipal, esklużi kull rimunerazzjoni għal sahra, kull forma ta' bonus, kull *allowance*, u rimunerazzjoni mod ieħor milli bi flus u kummissjonijiet."

U s-36 (14) iżid illi, "Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' hawn qabel ta' dan l-artikolu, … l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal-prinċipal, … mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif dispost fis-subartikolu … (12) jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat … jitlaq mis-servizz."

Li s-Sur Camilleri temm l-impjieg tiegħu mhux ikkontestat.

Mela biex is-Sur Camilleri jingħata raġun it-Tribunal irid jistabbilixxi jekk it-terminazzjoni tal-impjieg kinitx għal raġuni tajba u biżżejjed.

Ir-raġunijiet li s-Sur Camilleri ta lit-Tribunal għaliex temm l-Impjieg bl-ebda mod ma kienu riflessi fin-notifika li l-Intimat ta lis-Socjeta` dwar it-terminazzjoni tal-impjieg.

Matul is-smiegħ tak-Kwistjoni odjerna s-Sur Camilleri xehed illi ħassu ġġustifikat illi jtemm l-impjieg tiegħu qabel id-data stabbilita fil-kuntratt tal-impjieg minħabba li skond hu:

**3 (a)** l-*employer*, li fil-każ odjern huwa r-Rikorrent, kiser il-kuntratt tal-impjieg peress illi flimkien max-xogħol ta' *Sales Executive* li għalih kien impjegat is-Sur Camilleri, qabbdu wkoll xogħol illi ma kellux x'jaqsam u li kien għal kumpanija differenti minn dik illi mpjegatu; u l-kuntratt ma kkontemplax tali sitwazzjoni;

[1] Xiehda tas-sid tat-8 ta' Gunju 2023

**3 (b)** huwa kellu kundizzjoni medika li kienet kontroindikata għal tqandil u kienet injurata mir-Rikorrenti;

**3 (c)** huwa ma kellux fiduċja fil-qagħda finanzjarja tal-*employer*;

**3 (d)** huwa ħass illi kien se jitkeċċa jew jingħata s-sensja; u

**3 (e)** huwa ma setax ikun effettiv bħala *Sales Executive* minħabba li kien qed jitqabbad jagħmel xogħol illi ma kellux x'jaqsam ma' dak ir-rwol.

## 4. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal

### 4.1.
### Rigward 3 (a)

It-Tribunal ma ra l-ebda prova li l-intimat qatt oġġezzjona għal xogħol li ma kellux x'jaqsam ma' dak illi għalih kien impjegat. Anzi, ix-xiehda miġjuba mill-*employer* (is-sid innifsu u tnejn mill-impjegati tiegħu) tikkonferma li s-Sur Camilleri qatt ma rreżista milli jikkoopera kull meta ntalab biex jagħmel tali xogħol.
Dan ifisser illi impliċitament, jekk mhux espliċitament, is-Sur Camilleri kien aċċetta t-talbiet illi sarulu biex jagħmel tali xogħol.

Tant hu hekk illi s-Sur David Thake, id-Direttur tal-Kumpanija li magħha kien impjegat is-Sur Camilleri, fix-xiehda tiegħu faħħar l-attitudni ta' kooperazzjoni li kien juri s-Sur Camilleri.

U Ms Roberta Debono, Customer Relations Manager, xehdet illi, "Is-Sur Camilleri kultant ingħata wkoll xi xogħol ieħor sabiex jassisti lit-tim u huwa dejjem wera entużjażmu sabiex igħin fejn seta', u qatt ma lmenta dwar dan …."[2]

Is-Sur Steve Cipriott, responsabbli mid-*deliveries, assemblies,* u l-*warehouse* ta' Malta *Shopper Company Limited,* xehed illi l-Intimat qatt ma rrifjuta jgħinu b'*delivery* fl-okkażjonijiet rari li talbu.[3]
Trid tingħata kunsiderazzjoni wkoll lill-kuntest illi fih is-Sur Camilleri kien jintalab biex jagħti daqqa t'id. U cioe`, iż-żewġ kumpaniji konċernati kienu fl-istess binja u t-tnejn kienu ġestiti mill-istess sid, u s-Socjeta` Rikorrenti kienet azjenda żgħira[4].

"L-istaff tal-Kumpanija kien normali *as in at a point* ovvjament *we all pitch in to help in different areas*. Jekk xi hadd ghandu bzonn ghajnuna *we all pitch in* pero` *it's not a case we didn't employ a deliveries person*."[5]

[2] Affidavit tal-10 ta' Jannar 2023
[3] Seduta tat-30 ta' Mejju 2024
[4] Xiehda tad-Direttur tas-Socjeta` Rikorrenti fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2023
[5] Xiehda tal-Customer Relations Manager fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2023

Madankollu, is-Sur Camilleri xorta kellu kull dritt illi jirrifjuta li jagħmel tali xogħol; iżda ma rrifjutax, u għalhekk huwa ta x'jifhem lill-*employer* li ma kienx isib oġġezzjoni li jagħmel xogħol għal kumpanija li ma kienx impjegat tagħha, u avolja tali xogħol ma kienx dak illi għalih kien impjegat biex jagħmel. Lanqas fin-notifika li s-Sur Camilleri ta dwar illi huwa kien qed itemm l-impjieg tiegħu mas-Socjeta` ma għamel l-iċken referenza li huwa ħa tali deċiżjoni minħabba dawk illi issa waqt is-smiegħ tal-Kwistjoni odjerna huwa qies bħala ċirkustanzi negattivi u ksur tal-kuntratt tal-impjieg u li minħabba fihom issa kien qiegħed jallega li Vanilla Telecoms Ltd ġagħluh itemm l-impjieg.

Għal dan kollu, it-teżi tas-Sur Camilleri li t-temm tal-impjieg tiegħu kien *constructive dismissal* taqa'.

**4.2.**
**Rigward 3 (b)**

It-Tribunal ma ngħatax prova li s-Sur Camilleri għarraf lill-*employer* tiegħu li kien ibati minn kundizzjoni medika partikolari.

"Qed niskanta kif qed titqajjem illum għaliex *Jean* fl-ebda ħin la lili u lanqas lil xi ħadd li forsi kien iwassalli l-kelma qatt ma għadda xi kumment tipo dan xogħol ma rridx nagħmlu jew illi qed niġi sfurzat illi nagħmlu."[6]

"Safejn naf jien ma kienx hemm xi *complaints* (fuq it-tip ta' xogħol li kien qed jiġi assenjat lilu)", u "(ma niftakarx) li *there was ever a time that I was told,* 'Isma', *can I not go on deliveries because of my condition."*[7]

Għall-mistoqsija tal-Avv. Farrugia, "U tista' tgħidilna jekk forsi s-Sur Camilleri meta tlabtu qattx qallek le jew wera li ma xtaqx jassisti, is-Sur Cipriott wieġeb, "Le ta ...."[8]

L-uniku ċertifikat tal-mard kaġun tal-kundizzjoni medika partikolari li ġie ppreżentat lit-Tribunal, u mhux lis-Socjeta` waqt l-impjieg, huwa datat Ottubru 2021, meta s-Sur Camilleri kien għadu bil-*probation* u skond ix-xiehda tiegħu stess kien għadu ma bediex iqandel.

In-nota l-oħra li ġiet ippreżentata lit-Tribunal, u mhux lill-*employer* waqt l-impjieg, kienet dwar appuntament għal "*assessment of wellbeing"* li kien skedat għal data ta' 'l fuq minn ħames ġimgħat qabel is-Sur Camilleri ttermina l-impjieg; it-Tribunal ma ngħatax riżultat ta' dak l-*assessment*.

Iż-żewġ ċertifikati tal-mard illi s-Sur Camilleri ippreżenta lis-Socjeta` kienu dak datat 11 ta' Marzu 2022, li skond ix-xiehda tas-Sur Camilleri kien minħabba li kellu d-deni

[6] Xiehda tas-Sur Thake fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2023
[7] Xiehda tal-*Customer Relations Manager* fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2023
[8] Xiehda tas-Sur Cipriott fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2024

u l-ieħor tat-13 t’Ottubru 2021, li f’dal-kaz it-Tribunal ma ngħatax tagħrif dwar il-kawża tal-mard.

Seta’ kien il-każ illi t-tieni ċertifikat, għal ġurnata *leave* tal-mard, li nħareġ erbat ijiem wara li s-Sur Camilleri kien inviztat minn Dr Francalanza taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira, tal-Klinika GP, kien minħabba l-episodju tal-******* ndikat fir-Rapport tad-9 t’Ottubru 2021 maħruġ mill-istess Dr Francalanza iżda li qatt ma ġie a konoxxenza tal-*employer*.

Fis-seduta tat-2 ta’ Novembru 2023 is-Sur Camilleri xehed illi, “Għedtilhom ma nafx kemm il-darba għax kelli ċ-ċertifikat tat-tabib fejn kelli ... u allura ma stajtx inġorr għamara tqila.”

Dan ġie miċħud mit-tlett persuni li s-Sur Camilleri semma’ matul il-proċess ta’ dil-Kwistjoni u cioe` is-Sur Thake, is-Sur Cipriott, u Ms Debono.

Il-fatt jibqa’ li s-Sur Camilleri ma ppreżentax tali ċertifikat lill-*employer*.

Jiġifieri t-Tribunal ma ġiex ippreżentat bi prova li s-Sur Camilleri għarraf lill-*employer* tiegħu li huwa kien ibati b’kundizzjoni medika partikolari.

Huwa l-obbligu tal-impjegat illi jgħarraf lill-*employer* permezz ta’ ċertifikat mediku meta jkollu kundizzjoni medika li tipprojbixxi lill-impjegat milli jagħmel ċertu xogħol.

Fl-assenza ta’ prova dwar l-allegazzjoni tas-Sur Camilleri illi huwa għarraf lill-*employer* bil-kundizzjoni medika tiegħu it-Tribunal ma jistax iżżomm lis-Socjeta` Rikorrenti responsabbli li qabbdet lill-impjegat jagħmel xogħol ipprojbit minn xi kundizzjoni medika tas-Sur Camilleri.

**4.3.**
**Rigward 3 (c)**

Filwaqt illi t-Tribunal ma jlumx lis-Sur Camilleri talli hass element ta’ nuqqas ta’ sigurtà dwar l-impjieg tiegħu minħabba l-qagħda tal-*cashflow* it-Tribunal ma jqisx illi din hija raġuni tajba u biżżejjed biex fil-Każ odjern tiġġustifika t-terminazzjoni ta’ kuntratt ta’ mpjieg għal żmien definit. Is-sid tal-*employer* xehed illi ma kienx faċli li jsib jimpjega lil xi ħadd minflok is-Sur Camilleri. Għalhekk l-*employer* ma kienx se jsibha faċli li jtemm l-impjieg tas-Sur Camilleri, u aktar u aktar fi żmien meta l-*employer* kellu bzonn izid id-dhul finanzjarju tal-kumpanija u kwindi meta l-importanza tal-impjieg tas-Sur Camilleri sar aktar kritiku peress illi l-impjieg tas-Sur Camilleri kien proprju ntiż biex inżid il-bejgħ tas-servizzi tal-kumpanija.

U dan huwa l-iskop kollu ta’ kuntratt ta’ mpjieg definit – u cioe` biex l-*employer* ikollu moħħu mistrieħ illi għal ċertu żmien l-*employer* ikun assigurat illi jkollu r-riżorsa umana neċessarja biex, fil-Każ odjern, iżżidlu l-bejgħ.

Ħafna huma dawk l-*employers* illi jżommu lill-impjegati magħhom minkejja nuqqas ta' bejgħ. Reċiprokament, l-*employer* jippretendi li l-impjegat jibqa' leali lejn l-*employer* speċjalment billi l-impjegat jonora l-perjodu definit tal-impjieg.

"Il-fatt illi sena wara (r-riżenja) il-Kumpanija għadha hemm għandha tkun biżżejjed bħala risposta jiġifieri jekk *Jean* kellu xi biża' illi se jispiċċa bla xogħol għax il-Kumpanija ħa tfalli anki l-fatt illi qegħdin hawn illum sena wara qed nitkellmu fuq dan l-istess każ ukoll *belies that argument*. (U kieku l-finanzi tal-Kumpanija kienu f'qagħda prekarja) kont ngħidlu grazzi talli tlaqt. ... Il-*complement* tal-impjegati bħalissa huwa eżattament l-istess li kien hemm qabel bid-differenza li ma rrplejsjajniex lil *Jean* għaliex biex tirriplejsja lil xi ħadd fuq *sales* mhux faċli."[9]

**4.4.**

**Rigward 3 (d)**

Il-fatt illi s-Sur Camilleri ingħata twissija bil-miktub minħabba li allegatament huwa ma kienx effettiv daqs kemm kien mistenni ma hix ġustifikazzjoni li s-Sur Camilleri iqis tali miżura bħala parti minn pjan illi jwassal għal tkeċċija. Ħafna kien ikun jiddependi mill-effikacja tax-xogħol tas-Sur Camilleri wara tali miżura.

Is-Sur Camilleri ipprova jikkonvinċi lit-Tribunal illi huwa ma setax ikun effettiv bħala *Sales Executive* peress illi, skond hu, nofs il-ħin tiegħu fuq ix-xogħol kien dedikat għal xogħol ieħor dettat mill-*employer*.

Kieku kien hekk is-Sur Camilleri kien ikun ġġustifikat illi ma jaċċettax it-twissija billi jikkontendi li x-xogħol illi l-*employer* kien qiegħed itiħ illi ma kellux x'jaqsam ma' dak ta' *Sales Executive* kien, skond hu, qed jeħodlu ħafna mill-ħin illi suppost skond il-kuntratt tal-impjieg kellu jkun dedikat għal xogħol ta' *Sales Executive*.

Is-Sur Camilleri ma ġabx prova lit-Tribunal illi huwa oġġezzjona lill-*employer* għat-twissija.

"Ma kellna l-ebda ntenzjoni li nitterminaw l-impjieg ta' *Jean*. Kien għalhekk illi nħsadt meta ċempilli sabiex jinfurmani li kien ser … jittermina l-kuntratt tal-impjieg tiegħu … peress illi kien ingħata opportunita` oħra. … Jien … kont infurmajtu li kien marbut b'kuntratt definit u li aħna ma kellna l-ebda intenzjoni li nħassru dak il-ftehim"[10]

**4.5.**

**Rigward 3 (e)**

Kemm is-sid kif ukoll żewġ impjegati xehdu li l-istanzi meta s-Sur Camilleri tqabbad igorr ma kinux spissi.

---

[9] Xiehda tas-sid, is-Sur David Thake, fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2023
[10] Affidavit tas-sid data 10 ta' Jannar 2023, u Dok. DT2

Is-sid xehed illi l-għadd ta' okkażjonijiet ma kienx żgħir iżda mkien fix-xiehda tiegħu ma jinstab illi tali okkażjonijiet ħadu nofs il-ħin tax-xogħol tas-Sur Camilleri.

Il-*Customer Relations Manager* xehdet illi l-Intimat kien jingħata xogħol oltre mis-*Sales*, "*Rarely,* imma certu drabi ehe u kien ukoll ħareġ ... *a handful of times* igħin lid-*delivery team* ta' *Maltashopper Ltd,* li *it's a group bejn sister companies."*[11]

Is-Sur Cipriott, li meta xehed ma kienx għadu mpjegat ma' dil-Kumpanija, xehed illi, "Kien hemm każi remoti illi kont qiegħed maqbud u kellna bżonn noħorġu b'xi *delivery* u tlabtu jgħinni u ħareġ igħinni, pero` dawn kienu vera każi rari. Jiġifieri li nista' niftakar minn darba sa darbtejn l-aktar fit-total tal-impjieg li kien magħna,"

Tali xiehda kienet kontradetta mill-Intimat.

Iżda x-xiehda tas-Sur Camilleri ma kinitx konsistenti. Filwaqt illi fis-seduta tad-19 t'Ottubru 2023 huwa xehed illi, "Ta' kuljum kont qed inġorr l-għamara *all throughout my employment,"* fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2023 xehed illi, "Dan ma kienx kuljum."

**5.** Is-Sur Camilleri xehed illi hu ma kienx jaf l-implikazzjoni legali jekk iħalli l-impjieg qabel jagħlaq iż-żmien definit fil-kuntratt sakemm mhux għal raġuni serja biżżejjed.

Iżda kemm id-Direttur tas-Socjeta` kif ukoll Ms Debono fetħulu għajnejh.[12] Saħansitra d-Direttur bagħatu l-*link* tad-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg għas-sodisfazzjon tas-Sur Camilleri. Madankollu r-reazzjoni tas-Sur Camilleri kienet, "... u bagħatli xi link tal-Liġi ...".[13] Imbagħad fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2023 xehed illi, "F'ebda punt ma kont naf illi rrid inħallas xi ammonti."

Jiġifieri s-Sur Camilleri njora l-link li bagħatitlu s-Socjeta` biex jinforma ruħu dwar ir-riperkussjonijiet tad-deċiżjoni tiegħu li jtemm l-impjieg qabel iż-żmien.

**6.** Fl-opinjoni tat-Tribunal l-aspett l-aktar fundamentali ta' dil-Kwistjoni tikkonsisti fir-raġuni li s-Sur Camilleri ta biex jittermina l-impjieg fil-komunikazzjoni uffiċċjali li għamel mas-Socjeta` permezz ta' *email.* Ir-raġuni li ta kienet dik illi sab impjieg alternattiv.[14] Tali raġuni tisnatura kuntratt ta' mpjieg għal żmien definit; u tneħħi kull element ta' sigurtà li huwa l-iskop kollu li għandu kuntratt ta' mpjieg għal żmien speċifikat.

**7.** Fid-deliberazzjoni tiegħu t-Tribunal jikkunsidra li s-Sur Camilleri għandu mara w żewġt itfal żgħar ħafna[15] u li s-salarju bażiku gross tiegħu mas-Socjeta` Rikorrenti kien ta' Ewro 28,000, liema rata t-Tribunal jassumi li kienet ir-rata tas-suq u għalhekk jassumi wkoll illi l-impjieg illi s-Sur Camilleri sab wara li telaq mis-Socjeta` Rikorrenti hu ftit jew wisq tal-istess rata.

---

[11] Xiehda fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2023
[12] Dok. DT2, u l-affidavit ta' Ms Debono tal-10 ta' Jannar 2023
[13] Xiehda tas-Sur Camilleri fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2023
[14] Dok. DT1
[15] Xiehda tas-Sur Camilleri fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2023

**Deċiżjoni**

Wara li fela r-rikorsi, ir-repliki, id-dokumentazzjoni, it-testimonjanzi, l-affidavits, u s-sottomissjonijiet finali u wara li għamel il-kunsiderazzjonijiet tiegħu t-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li r-raġuni tat-terminazzjoni tal-impjieg ma kinitx għal raġuni tajba u biżżejjed biex tissodisfa l-Artiklu 36 (14) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqshekk l-Intimat huwa obbligat iħallas lis-Socjeta` Rikorrenti Ewro 11,576 (ħdax il elf, ħames mija, u sitta u sebgħin). Dan l-ammont għandu jithallas fi żmien ta' mhux aktar minn ħames snin kalendarji mill-ħruġ ta' din id-Deċiżjoni.

Għall-iskop tal-Artiklu 78 (1) tal-Kap. 452 id-Deċiżjoni ma tteħditx aktar kmieni minħabba l-għadd ta' differiment.

B'hekk tingħalaq dil-Kwistjoni tax-Xogħol.

**(iffirmat)**

**Joseph Delia**

**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Graziella Borg**

**Għas-Segretarju**